# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

## SENTENZA

Mogħtija illum, 13 ta' Ottubru 2023

**Il-Pulizija**
(Spett. James Mallia)

Vs

**Dylan Degiorgio**
(K.I. 151893M)

Il-Qorti,

Rat in-Nota tal-Uffiċjal tal-Probation Rona Agius Custò datata t-22 ta' Settembru 2023 fejn informat lill-Qorti illi Dylan Degiorgio ma kienx qed isegwi l-Ordni ta' Trattament impost fuqu b'sentenza datata t-18 ta' Diċembru 2022 fosthom billi telaq mill-programm u ried imur lura ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin;

Rat illi fis-seduta tal-lum, Dylan Degiorgio ammetta dawn in-nuqqasijiet u informa l-Qorti illi huma ma kienx preparat li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga u li ma riedx ikompli bl-Ordni ta' Trattament;

Semgħet lill-Uffiċjal tal-Probation Rona Agius Custò tispjega ċ-ċirkostanzi wara n-nota tagħha kif ukoll l-attitudni li ħa Dylan Degiorgio versu l-ordni ta' trattament. Semgħet li l-istess Degiorgio ma kienx qed jikkowopera mat-tmexxija tal-programm residenzjali u saħansitra talab li jitlaq mill-programm.

Ikkonsidrat;

Illi fuq ammissjoni ta' Dylan Degiorgio stess il-Qorti m'għandhiex għażla oħra ħlief li ssib li huwa naqas milli jikkonforma ruħu ma xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-Ordni ta' Trattament maħruġ ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fit-18 ta' Diċembru 2022.

Illi mid-deposizzjoni tal-uffiċjal tal-probation kif ukoll mid-dikjarazzjoni ta Dylan Degiorgio magħmulha seduta stante jirriżulta ampju li huwa m'għandux interess li jsegwi l-programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga u li ma jridx aktar għajnuna f'dan ir-rigward.

Fil-fehma tal-Qorti, minkejja li l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha tassattiva fuq persuna ħatja li ssegwi Ordni ta' Trattament, ikun inutli li persuna li assolutament ma tridx tikkowopera mal-uffiċjali sabiex tieħu t-trattament meħtieġ, tkompli b'tali Ordni. Dan ikun ħela ta' riżorsi tal-uffiċjali, liema riżorsi jistgħu jintużaw fuq persuna li verament tixtieq l-għajnuna u li ma tistax tieħdu għax m'hemmx post fil-programm. Di più, dan m'huwiex każ fejn persuna ħatja waqgħet għal perjodu qasir u tixtieq tqum u tkompli. Dan huwa każ fejn il-ħati bl-ebda mod ma jrid ikompli bit-trattament.

Għaldaqstant, il-Qorti qed issib li Dylan Degiorgio naqas milli jikkonforma ruħu ma xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-Ordni ta' Trattament maħruġ ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fit-18 ta' Diċembru 2022 u wara li rat l-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed twaħħlu ammenda ta' tlett mitt Ewro (€300), liema ammenda, madanakollu għandha tidħol fis-seħħ hekk kif Dylan Degiorgio jiskonta s-sentenza ta' priġunerija imposta fuqu.

Finalment, sabiex ma jinħlewx riżorsi u l-għajnuna tkun tista' tingħata lil min verament iridha, il-Qorti qed tissospendi l-effetti tal-Ordni ta' Trattament imposti fuq Dylan Degiorgio għall-perjodu rimanenti tagħha.

**Ft. Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**